MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 25/2002/1

**Sylvia Curmi.**

**vs**

**Kevin Curmi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ Jannar 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta’ April 1999, liema certifikat taz-zwieg huwa anness u mmarkat bhala Dok. “SC1”;

Illi l-istess zwieg kien ivvizjat *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali bi ksur tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga bi ksur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-attrici Sylvia Curmi, datata 23 ta' Jannar 2002, a fol. 11 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kevin Curmi, datata 12 ta' Marzu 2002, a fol. 14 tal-process, fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg bejnu u bejn l-attrici ghandu jigi dikjarat null, u dan bl-ispejjez kontra l-istess attrici, izda mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-attrici, pero' minhabba qerq da parti tal-istess attrici;

2. Illi huwa minnu li l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' April 1999, u dan wara li l-attrici gharfet lill-esponenti li hija tqila minnu;

3. Illi fil-fatt fis-17 ta' Ottubru 1999 twieldet il-minuri Tiffany Curmi li giet registrata bhala wild il-kontedenti Dok. "A";

4. Illi hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-minuri Tiffany m' hijiex wild naturali tal-esponenti, izda wild persuna ohra li maghha l-attrici kellha relazzjoni extra-maritali;

5. Illi salv' eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Kevin Curmi, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 15 u fol. 16 tal-process.

Rat il-**Kontro-Talba** tal-konvenut Kevin Curmi datata 12 ta' Marzu 2002 fejn espona bir-rispett:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' April 1999 u dan meta l-attrici kellha tlett xhur tqala';

Illi l-attrici mal-ewwel sostniet li t-tarbija li kienet qed tistenna kienet wild naturali tal-esponenti, u kien minhabba dan il-qerq li l-kontendenti zzewgu qabel it-twelid tat-tarbija;

Illi fil-fatt fit-23 ta' April 1999, twieldet il-minuri Tiffany, liema tarbija giet registrata bhala l-wild naturali tal-esponenti;

Illi fis-sajf 2000, ossija ftit xhur wara li l-kontendenti zzewgu, iz-zwieg bejniethom tkisser b' mod irrimedjabbli, pero' l-attrici xorta wahda ma semmiet xejn dwar il-paternita' vera tal-minuri Tiffany;

Illi kien biss ftit gimghat ilu li l-esponenti sar jaf, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz li l-minuri Tiffany m'

hijiex il-wild naturali tieghu, izda hija ta' relazzjoni extra-maritali li kellha l-attrici qabel iz-zwieg;

Illi ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) u / jew (c) u / jew (d) u / jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi konsegwenza ta' dan l-agir, l-esponenti soffra ghad-danni hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Illi l-istess konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

2. Tiddikjara li l-attrici ezercitat qerq fuq il-konvenut biex ikkuntrattat iz-zwieg bejnha u bejn l-istess konvenut;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut konsegwenza ta' dan il-qerq, *occorrendo* anke permezz ta' periti nominandi;

4. Prevja kull dikjarazzjoni ohra, tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati;

5. Tikkundanna lill-attrici thallas il-manteniment lill-konvenut abbazi tal-**artikolu 20 (5) tal-Kap. 255 tal-Ligjiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta' Marzu 2002, fejn Dr. David Camilleri ghall-attrici nforma lil Qorti li hu notifikat bil-kontro-talba. Inghata digriet ghall-affidavit tal-partijiet b' terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, datata 22 ta’ Marzu 2002, a fol. 24, fejn esponit bir-rispett:

1. Illi preliminarjament in-nullita’ tal-proceduri fejn dawn jirrigwardaw it-tielet talba *stante* illi huwa guridikament improponibbli li proceduri ghad-danni jigu integrati fi proceduri ghal dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg;

2. Illi bla pregudizzju u fil-mertu, l-esponenti ma topponix ghall-ewwel talba;

3. Illi l-esponenti pero’ topponi ghat-tieni talba *stante* illi ma kien hemm l-ebda qerq kommess da parti taghha. Iz-zwieg m’ghandux jigi dikjarat null abbazi ta’ qerq izda abbazi ta’ dak premess fic-citazzjoni taghha;

4. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda *stante* li hija ma kkawzat l-ebda danni lill-konvenut;

5. Illi l-esponenti topponi ghall-hames talba *stante* illi ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fl-**artikolu 20 tal-Kap. 255** ghall-kundanna ta’ manteniment kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza,

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u l-lista tax-xhieda a fol. 25 u fol. 26 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta’ Gunju 2002, a fol. 27, fejn talbet umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-presentata tal-affidavit ippresentati kontestwalment u tammettihom in atti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat in-nota tal-attrici datat 5 ta’ Gunju 2002, a fol. 28 li permezz taghha esibit l-affidavit taghha, l-affidavit ta’ Saviour Scicluna, ta’ Saviour Pace, ta’ Angela Pace u ta’ Claudette Micallef.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Gunju 2002.

Rat in-nota tal-konvenut Kevin Curmi, datata 14 ta’ Gunju 2002, li permezz taghha rriserva l-kontro-ezami tal-affidavit prezentati mill-attrici Sylvia Curmi.

Rat in-nota tal-konvenut Kevin Curmi, datata 27 ta’ Settembru 2002, li premezz taghha prezenta l-affidavit tieghu, ta’ Mary Curmi, ta’ Stephanie Curmi u ta’ Alfred Curmi.

Rat in-nota tal-attrici Sylvia Curmi, datat 2 ta’ Ottubru 2002, li permezz taghha rriservat l-kontro-ezami tal-affidavit prezentati mill-konvenut.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Novembru 2002, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Vincent Galea bhala Perit Legali.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Vincent Galea minn fol. 136 sa fol. 145 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissijiet ta’ Kevin Curmi, datata 19 ta’ Settembru 2003, minn fol. 146 sa fol. 151 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissijiet ta’ Sylvia Curmi, datata 5 ta’ Novembru 2003, minn fol. 152 sa fol. 157.

Rat in-nota ta’ Kevin Curmi li permezz taghha ceda t-tielet, ir-raba’ u l-hames talbiet immressqa fil-kontro-talba tieghu.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Vincent Galea nforma lil Qorti li r-rapport jinsab redatt.

Rat in-nota tal-attrici Sylvia Curmi, datata 9 ta’ Dicembru 2003, a fol. 160.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Marzu 2004, fejn Dr. David Camilleri ghall-attrici gie nfurmat bil-kont tal-Perit Legali.

Rat il-verbal datat 11 ta’ Mejju 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Vincent Galea halef ir-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005, bil-fakulta’ li d-

difensuri jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet b’ terminu ta’ hamsin (50) gurnata kull parti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea minn fol. 169 sa fol. 262 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

**(i)** **PROVI PRODOTTI.**

Illi dak li ghandu x’jigu deciz huma l-ewwel talba tal-attrici u l-ewwel u t-tieni talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu u dan *stante* li l-konvenut permezz ta’ nota datata 17 ta’ Novembru 2003 a fol. 158 tal-process ceda it-tielet, ir-raba’ u l-hames talbiet tieghu ta’ l-istess kontro-talba.

Illi fil-fatt l-attrici ssostni illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (a) u/jew 19(1) (d) u jew 19(1) (e) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-konvenut min naha tieghu filwaqt li jaqbel li z-zwieg iccelebrat bejnu u bejn l-attrici huwa null, jghid li n-nullita’ hija minhabba qerq taghha **artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255.**

Illi in sostenn ta’ din l-allegazjoni, il-konvenut jghid illi l-kontendenti izzewgu fit-23 ta’ April, 1999 u dan wara li l-attrici gharfitu illi hija kienet tqila minnu. Sussegwentement, il-konvenut intavola kawza quddiem l-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fejn talab illi l-minuri Tiffany ghandha tigi ddikjarata bhala wild mhux naturali tieghu. (Cit. Nru. 327/02 RCP **“Kevin Curmi vs Dr. Vincent Galea noe et”** li giet deciza fil-11 ta’ Dicembru, 2003);

Illi l-istess konvenut intavola kontro-talba ghat-talba ta’ l-attrici fejn talab illi z-zwieg ikuntrattat bejnu u bejn l-attrici

ghandu jigi dikjarat null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19(1) (a) u/jew 19(1) (c) u/jew 19(1) (d) u/jew 19(1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.** Talab ukoll il-konvenut sabiex il-Qorti tiddikjara li l-attrici ezercitat qerq fuqu biex ikkuntratat iz-zwieg bejna u bejn l-istess konvenut.

Illi l-attrici fir-rigward tat-talba tad-dikjarazzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet kien null u bla effett ma topponiex pero' topponi ghat-tieni talba tieghu fir-rigward tal-allegat qerq ezercitat da parti taghha fil-konfront tieghu u dan *stante* illi ma kien hemm l-ebda qerq kommess da parti taghha. Iz-zwieg m'ghandux jigi dikjarat null a bazi ta' qerq izda a bazi ta' dak premess fic-citazzjoni taghha.

Illi minn dan kollu jirrizulta bl-aktar mod car illi l-parametri tad-dikjarazzjoni tal-annullament taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' April, 1999 huma s-segwenti artikoli tal-Ligi u cioe' l**-artikolu 19 (1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. F'kaz illi dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** allura tkun trid tigi deciza ukoll it-tieni talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu.

Illi **l-attrici** xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit. Xehdet illi hija kienet iltaqet mal-konvenut meta hija kellha hmistax-il (15) sena. Huma ghamlu xi sena u nofs johorgu flimkien, izda wara dan iz-zmien peress illi l-attrici hassietha ghadha zghira biex tidhol f'relazzjoni, huma iddecidew li jiehdu *break.*

Illi hija tghid illi fil-fatt "*kellna hafna minn dawn il-breaks daqqa ta' ftit granet u daqqa xhur shah*". L-attrici tiftakar illi meta kienu jkunu bi *break* kemm hi u kemm il-konvenut kienu johorgu ma' nies ohra u dan peress illi ma kien hemm l-ebda irbit bejniethom. Hija tghid ukoll illi "*ahna konna domna sejrin hekk ghal zmien twil cirka xi sena ohra, u li tul daz-zmien Kevin kien gieli ghamili xi proposti ghaz-zwieg u jien min-naha tieghi qatt ma hadtha bis-serjeta. Anzi hafna drabi meta Kevin kien iqajjem dan is-suggett, jien kont nghidlu iva biex ma jibqax iddejjaqni. Fil-fatt jien kont naghmel hekk biss bil-hsieb li nehles minnu u*

*fil-fatt qatt ma kkunsidrajt serjament dawn il-proposti. Dan kont naghmlu l-aktar ghaliex jien ridt inzomm il-liberta tieghi u li kieku mhux ghax kont nghidlu iva Kevin kien jibqa jippersegwitani*".

Illi hija tkompli tghid illi *"wara hafna fittagni da parti tieghu konna morna u Kevin kien ibbukkja s-sala. Pero din ma kinitx ghazla tieghi. Hu qabad u ghazel sala u tant hadli rasi li mort mieghu naraha pero' iktar biex nghalaqlu halqu*".

Illi tkompli tixhed li li "*wahda mill-breaks li kellna, li fil-fatt kienet l-ahhar break, kienet bejn Novembru 1998 u Jannar 1999. Niftakar li konna ergajna bdejna nohorgu flimkien f'Jannar 1999 u xahar u nofs wara jien skoprejt li kont tqila*".

Illi l-fatt l-attrici infurmat lill-konvenut bit-tqala taghha, li skond hi qalilha li *"issa zgur kont tieghu*". L-attrici tghid illi hija kienet accettat li tizzewweg lil konvenut minhabba missierha. Fil-fatt tghid *"jien kont nibza' hafna minn missieri u fil-fatt ma ghidtlux mill-ewwel li kont pregnant. Kont naf li missieri kien ser jirrabja hafna b'dan. Ohti xi snin qabel kienet inqabdet pregnant u ma kinitx mizzewga. Missieri tant kien hadha bi kbira u tant irrabja maghha li kellha tizzewweg. Ghalhekk jien stajt nobsor x'kienet ser tkun ir-rejazzjoni ta' missieri*".

Illi wara dan il-fatt il-partijiet haffew il-preparamenti taz-zwieg u fil-fatt hekk ghamlu, u cioe izzewgu fit-23 ta' April, 1999. Skond l-attrici, tant kienet qed tibza' minn missierha illi hi ma kienet qaltlu xejn dwar it-tqala qabel it-tieg. Kien biss wara t-tieg li qaltlu bit-tqala u fil-fatt qaltlu li t-tifla twieldet b'mod prematur u dan sabiex tahbi l-fatt li kienet tqila qabel iz-zwieg. L-attrici tghid illi hija mal-ewwel indunat li z-zwieg kien zball u fil-fatt mal-ewwel beda l-inkwiet. Tghid illi xi hames xhur wara li twieldet it-tifla, l-konvenut telaq mid-dar.

Illi l-attrici tghid ukoll illi minn testijiet tad-DNA li saru fuq il-minuri Tiffany, irrizulta illi din ma kinitx il-wild naturali tal-konvenut. Tghid illi "*huwa minnu li fil-break li kien ikollna*

*meta ma kontx inkun qed nohrog mieghu kien ikolli relazzjonijiet ma' terza persuna. Dan kien minhabba li ma kontx inqis ir-relazzjoni taghna bhala wahda serja*" u "*Kevin qieghed jghid illi jien dhakt bih pero' nerga nghid illi sa recentement meta hareg it-test tad-DNA jien kont konvinta illi t-tarbija kienet tieghu*".

Illi xehed **Saviour Scicluna**, missier l-attrici bil-procedura ta' l-affidavit. Jghid illi "*kemm damu johorgu flimkien Kevin Curmi u t-tifla qatt ma tawni x'nifhem illi kellhom xi relazzjoni serja u li ghad jizzewgu. Fil-fatt Kevin Curmi qatt ma gie d-dar ghandi. Jien qatt ma sirt nafu ghax ftit li xejn iltqajt mieghu. Barra minn hekk it-tifla ma tantx issemmieh*".

Illi dan ix-xhud jkompli jghid illi "*minhabba f'dan kienet sorpriza kbira meta fl-1999 t-tifla kienet qaltli li kienet ser tizzewweg lil Kevin. Jien rajthom qed jghagglu wisq*".

Illi huwa jzid jghid li kien biss "*wara t-tieg sirt naf illi t-tifla kienet harget tqila qabel ma zzewget. Dan pero' t-tifla ma kienet qaltli xejn dwaru qabel ma zzewget. Jien indunajt peress illi t-tifla weldet madwar sitt xhur wara t-tieg u kellha tifla. Jien nifhem ghaliex ma qaltli xejn dwar it-tqala. Jien kont bastun fuq uliedi fis-sens illi nzomm id-dixxiplina fuqhom. Naf illi li kieku t-tifla qaltli illi kienet inqabdet tqila qabel ma zzewget kont nirrabja hafna maghha. Dan it-tifla tafu u tibza minni*".

Illi meta sarulu xi mistoqsijiet *a viva voce*, dan ix-xhud jghid illi "*it-tieg hallast ghalih jien. L-engagement hallastu jiena ukoll*". In kontro-ezami, meta gie mistoqsi jekk kienx jaf li bintu (u cioe l-attrici) kienet tqila qabel ma izzewget jghid illi *"ma kontx naf, anzi nghid illi li kieku kont naf, jiena ma kontx inhalliha tizzewweg*".

Illi **Angela Borg** xehdet bil-procedura tal-affidavit u qalet illi "*fuq insistenza tar-ragel taghha hija kienet ghamlet testijiet tad-DNA u r-rizultat kien illi t-tarbija ma kinitx tieghu. Jien kont iltqajt maghha ftit wara li hareg ir-rizultat. Ir-rejazzjoni taghha kienet wahda ta' sorpriza kbira. Qatt ma kienet basret illi seta' ma kienx missierha*".

Illi xehed ukoll bil-procedura ta' l-affidavit **il-konvenut Kevin Curmi** li jghid illi huwa kellu ghoxrin (20) sena meta sar jaf lill-attrici li kellha sittax (16)-il sena.

Illi huwa jsostni li "*minkejja d-disgwid li kellna bejnietna ta' zaghzagh li konna, jiena u Sylvia meta rajna li z-zmien ghaddej iddecidejna li nibdew nippreparaw ghaz-zwieg. Ahna ghamilna riceviment ta' engagement fil-15 ta' Novembru, 1997. Jiena u Sylvia konna ppreparajna l-ikla tal-engagement u hallasna kollox ahna mill-flus li qlajna fl-istess riceviment*". Fin-1997 l-kontendenti kienu attendew u spiccaw il-kors ta' Kana.

Illi huwa jghid li ma jistax jifhem "*kif missier Sylvia qed isostni li sar jaf fil-1999 li jiena u bintu konna ser nizzewgu. Huwa kien jaf ferm qabel din id-data*". Jsostni li "*l-ewwel inkwiet li kien hemm bejni u bejn Sylvia sehh fis-Sajf 1998, meta Sylvia ddecidiet li tohrog paceville ma' tfajla li kont naf li tiffrekwenta ghadd ta' rgiel. Jien ghidtilha li ma kontx qed niehu gost b'dan il-fatt u ghalhekk iddecidejna li niehdu break mir-relazzjoni taghna. Wara xi tlett gimghat Sylvia kienet cemplitli fuq il-mobile u talbitni biex niltaqghu minnufih halli nitkellmu. Niftakar li jiena tlaqt minn nofs laqgha peress li hsibt li nqala xi haga gravi. Meta wasalt Sylvia ammettiet li ghamlet zball u talbitni nergghu nirrangaw. Sylvia fl-ebda punt ma qaltli li hija kienet harget ma' xi guvni iehor. Hija kienet semplicement semmiet il-hbieb taghha. Da parti tieghi jiena fil-perjodu tal-break ma ffrekwentajt lill-ebda tfajla ohra".*

Illi l-istess fl-affidavit tieghu jghid illi "*ir-relazzjoni taghna bdiet sejra ghall-aghar tant li fil-Milied 1998, jiena u Sylvia hadna break iehor. F'dak l-istadju jiena hsibt li konna ser nispiccaw ma nizzewgux. Ahna ghamilna perjodu ta' gimghat ma niltaqghux, u darba minnhom konna ltqajna fejn iddecidejna li nhassru t-tieg. Dakinhar jiena kont staqsejt lil Sylvia hijiex certa minn din id-decizjoni, peress li jiena nammetti li kont ghadni nhobbha. Hija qaltli li determinata u ma riditx tati cans iehor lir-relazzjoni. Ftit jiem wara Sylvia cemplitli u qaltli li bidlet fhemtha. Hija*

*qaltli li tixtieq li nergghu nippruvaw. Nammetti li jiena ma stennejtx li ser tigi lura ghandi peress li fil-laqgha taghna dehret deciza li ma tridx tirranga. Kif ghidt aktar 'il fuq jiena kont ghadni nhobbha u ghalhekk accettajt li nergghu nippruvaw nohorgu flimkien. Dan kien ghall-ahhar ta' Jannar, 1999. Wara xi xahar li ergajna rrangajna, Sylvia qaltli li tahseb li kienet tqila. Morna naghmlu pregnancy test is-St. James Clinic u rrizulta li Sylvia verament kienet tqila*".

Illi huwa jkompli jallega li li "*da parti taghha Sylvia qabel izzewwigna qatt ma qaltli li fil-perjodu meta ma konniex qed nohorgu flimkien, kienet harget ma' haddiehor. Jiena min-naha l-ohra ma kelliex mezz kif nsir naf jekk hi hargitx minn haddiehor jew le, u dan peress li ahna ma ltqajniex fil-break li kellna hlief meta ftehmna*". Jkompli jghid il-konvenut illi "*Sylvia baqghet sa wara t-tieg ma qalitx lil missierha li kienet tqila. Hija kienet tibza' wisq mir-rejazzjoni tieghu, u fil-fatt kwazi kulhadd kien jaf li Sylvia tqila hlief missierha. Meta beda jghaddi z-zmien Sylvia ta genn biex tghaddi l-gurnata tat-tieg, halli missierha ma jilhaqx jinduna bit-tqala*".

Illi l-konvenut jzid jghid illi "*fis-17 ta' Ottubru, 1999 twieldet it-tifla u semmejnieha Tiffany. Din it-tifla giet registrata bhala binti u jiena fl-ebda hin ma kelli suspett li t-tifla m'hijiex tieghi. Da parti taghha Sylvia ma tatni bl-ebda mod x'nifhem li t-tarbija m'hijiex binti*". Sussegwentement jghid illi "*Minflok ghamilna d-DNA test ghand Dr. Mario Scerri u rrizulta li t-tifla fil-fatt m'hijiex binti*".

Illi finalment jghid illi "*Sylvia malli saret taf bir-rizultat hija qaltli li meta konna bil-break kellha one-night stand ma' Ingliz. Illum il-gurnata naf li Sylvia regghet tqila minn relazzjoni li ghandha ma' haddiehor u weldet tarbija ohra Emma Ann. Nghid fl-ahharnett li wara li sseparajna jiena sibt karti minn fejn jirrizulta li waqt li konna flimkien Sylvia kienet ghamlet operazzjoni privata ghand is-St. James Health Centre. Jiena sal-lum ghadni ma nafx x'kienet tinvolvi din l-operazzjoni. Marti baqghet tqarraq bija u tahbili anke wara li zzewwigna*".

Illi meta xehed l-istess konvenut in kontro-ezami quddiem l-Perit Legali, fis-seduta tad-9 ta' April, 2003, il-konvenut qal illi "*qabel ma izzewwigna konna niehdu xi breaks. Il-breaks kienet tkun tridhom Sylvia. Sylvia ma tantx kien jinteressa z-zwieg. Interessha biss x'hin skopriet li kienet tqila*" u "*il-preparamenti ghat-tieg kollha kont ghamilthom jien. Sylvia ma tantx kien jinteressaha*".

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Mary Curmi**, omm il-konvenut li qalet illi "*meta kellu xi ghoxrin sena, ibni Kevin beda johrog ma' certa Sylvia Scicluna. Wara ftit zmien li beda johrog maghha, Sylvia bdiet tigi d-dar taghna. Jiena mall-ewwel innutajt li Sylvia kienet tghir ghal ibni hafna. Hija kienet tilmenta li huwa ma jqattax bizzejjed hin maghha. Sylvia bhallikieku riedet li Kevin ikun il-hin kollu maghha, almenu minn dak li kienet tghid lili*".

Illi hija tkompli tghid illi "*wara ftit xhur li bdew johorgu flimkien Kevin u Sylvia qalulna li ser jitgharsu. Huma organizzaw kollox wahedhom. Kienu ghamlu ikla r-Radisson Hotel fejn stiednu lill-familjari u ftit hbieb. Dan kien f'Novembru, 1997. Dakinhar tal-gherusija, bhala rigal, missier Sylvia taghhom baskett tax-xampanja u kien hemm kaxxa zghira go fih li kien fiha cavetta ta' post. Huwa qallhom li kien ser jaghtihom post biex jghixu go fih meta jizzewgu*" u "*fl-gherusija kienu qalulna li ser jizzewgu f'Settembru, 1999 u ghalhekk bdew jippreparaw ghat-tieg. Sylvia u Kevin dejjem kienu jmorru flimkien biex jibbukjaw in-nies ghat-tieg*".

Illi hija tghid ukoll illi "*ghal habta tal-Milied 1998, Kevin u Sylvia kienu ggieldu u ma bdewx ikellmu lil xulxin. Kevin ghamel perjodu lanqas biss johrog mid-dar u jiena kont ninduna li huwa kellu dwejjaq kbar ghalkemm ibni ma kienx jiftah qalbu mieghi. Jiena kont tajtu parir sabiex ma jkompliex jahseb f'Sylvia ghax ma setghux jibqghu ghaddejjin b'dan il-glied. Pero' Kevin ma tantx kien jaghti widen ghal pariri tieghi. Wara ftit gimghat Kevin qalli li Sylvia kienet ikkuntatjatu biex jergghu jirrangaw. Huwa qalli li ser jergghu jibdew johorgu flimkien. Nammetti li jiena ma tantx hadt gost b'din l-ahbar. Wara ftit jiem li Kevin u Sylvia regghu rrangaw huma gew jghidulna li ser*

*jizzewgu f'April u cioe' xi xahrejn wara, minflok f'Settembru. Zewgi mall-ewwel basar li Sylvia nqabdet tqila. Kien ghalhekk li fi zmien xahrejn Kevin u Sylvia zzewgu*".

Illi l-istess xhud tkompli tghid illi "*Wara li twieldet it-tifla jiena nnutajt li kien hemm inkwiet kbir bejn Sylvia u Kevin. Naf li Sylvia bdiet titraskura lit-tarbija, thallieha man-nies, inkluz mieghi u tohrog mal-hbieb. Hija kienet qieghda tohrog bil-lejl ukoll meta Kevin ikun xoghol. Dan nafu peress li xi kultant wara li t-tifla tkun ilha maghna gurnata, Sylvia kienet tghidilna biex nehduha ghand il-babysitter. Xi drabi ahna konna nkunu l-Armier u Sylvia kienet tigi bit-tifla minghajr nappies u minghajr ikel, u thallieha maghna. Darba minnhom Sylvia gabitli t-tifla bin-nappy mimlija pipi u ma gabitliex la ikel u lanqas affarijiet ghat-tarbija. Sylvia kienet ma' zewg tfajliet ohra u bdiet tidhaq u tghoxa, tant li jien kont ghaidtilha 'mela blajthom dan id-dahq kollu'. Hija semplicement qaltli li sejra tara omm habiba taghha l-Isptar ghax kellha kancer. Jien tlabt lil Sylvia biex almenu iggibli xi affarijiet tat-tifla u qaltli li ser tghaddihomli aktar tard. Ahna bqajna nistennew l-Armier sas-7.30p.m. pero' Sylvia baqghet ma gietx. Meta mort lura d-dar cempilt lil Sylvia biex iggibli l-affarijiet id-dar. Hin wara giet habiba ta' Sylvia bil-baskett tat-tifla. Meta staqsejtha fejn kienet Sylvia hija qaltli li baqghet l-Isptar hdejn omm il-habiba taghhom peress li kienet qed tmut. Dak il-hin jiena harist lejn il-karozza tal-habiba taghha u ndunajt li Sylvia kienet qieghda tistahba minduda bejn is-seat ta' quddiem u s-seat ta' wara. Hemmhekk irrabjajt ferm ghax dan m'huwiex attegjament ta' mara mizzewga u omm ta' tarbija tat-twelid. Specjalment peress li kont naf li ibni kien qieghed il-part-time job biex il-familja tieghu tkun paxxuta. Wara dan l-incident jiena spiccajt xtrajt il-bzonnijiet kollha tat-tifla halli meta tkun qieghda ghandi ma tkun nieqsa minn xejn*".

Illi xehdet ukoll, bil-procedura tal-affidavit **Stephanie Curmi**, oht il-konvenut li qalet illi "*fix-xitwa tal-1997, Kevin u Sylvia ghamlu ikla ta' engagement ir-Radisson Hotel u huma bdew jippreparaw ghaz-zwieg. Fl-ikla tal-engagement missier Sylvia bhala rigal tahom cavetta ta'*

*dar u qallha li ser jaghtieha dar biex meta jizzewgu jmorru jghixu fiha*".

Illi l-istess xhud tghid ukoll illi "*Qabel izzewgu Kevin u Sylvia, jiena kont ta' spiss immur nghinhom fil-hanut Chick King, il-Belt. Hija generalment kien ikun hemm jekk ma jkunx ix-xoghol ta' suldat. … Hija kien jahdem ferm fil-hanut. … Nikkonferma wkoll li fil-hanut qatt ma kien hemm kaxxa tal-loghob u jiena qatt ma nzertajt lil hija jilghab xi flus jew karti. Ghalkemm Sylvia kienet tidher fuq ruhha, hija kienet tati l-impressjoni li lil Kevin tirrispettah. Fil-fatt kienet tixtrilu kull ma jkun jixtieq. In partikolari kienet tonfoqlu hafna flus fil-hwejjeg*".

Illi hija tkompli tghid illi "*wara ftit zmien li hassru l-gherusija l-ahhar darba, Sylvia u Kevin gharfuna li kienu ser jizzewgu f'April, 1999. Niftakar sew peress li jiena kont bridesmaid u spiccajna lestejna l-ilbies taghna b'genn kbir. Sirt naf ukoll, qabel iz-zwieg, li Sylvia kienet tqila. … Wara li twieldet it-tarbija, Sylvia inqatghet kompletament minn mal-familja taghna. Ahna kemm-il darba stidiniha biex tohrog maghna bit-tarbija, pero' kull darba kienet iggib xi skuza. Mhux biss izda Sylvia bdiet tinqeda bina. Hija kienet iggibilna t-tarbija d-dar biex skond hi tmur taghmel qadja. Sylvia kienet iddum sieghat biex tirritorna lura u kemm-il darba n-nies qalulna li jkunu rawha l-Belt tigri mall-hbieb. Peress li Sylvia ma kinitx iggib l-affarijiet tat-tarbija maghha, ommi spiccat xtrat kollox doppju biex ma thalliex lit-tifla nieqsa* ".

Illi xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit missier il-konvenut u cioe' **Alfred Curmi**. Huwa jghid illi "*f'Novembru, 1997 Sylvia u Kevin hadu l-gherusija. Dakinhar missier Sylvia tahom cavetta ta' dar, liema dar kellha tkun id-dar li ghexu fiha wara li zzewgu. Minn ftit wara l-engagement Sylvia u Kevin bdew jippreparaw ghat-tieg li kellu jsir f'Sttembru, 1999. … Nghid li ta' spiss jiena kont ninzerta lil Sylvia flimkien ma' certu Chris Calleja jippassigaw Strada Rjali jew ikunu flimkien il-hanut ta' Sylvia. Nammetti li jiena ma kontx niehu gost b'dan u ghalhekk kont nghid lil Kevin biex joqghod attent minnu.*

*Kevin dejjem kien ighidli li huwa habib ta' hu Sylvia u kien jahdem ma' huha*".

Illi l-istess xhud jkompli jghid illi "*fil-Milied 1998, Kevin u Sylvia kienu ggieldu, pero' wara ftit gimghat Kevin gharrafni li ser jerga' jirranga maghha. Nghid li jiena xtaqt li nara lill-ibni migbur ma' Sylvia. Ftit jiem wara li regghu bdew johorgu flimkien huma gharfuna li ressqu d-data tat-tieg minn Settembru, 1999 ghal April, 1999. Jien mall-ewwel bsart li Sylvia kienet harget tqila, u fil-fatt huma kkonfermaw dan. Fi zmien ftit gimghat Sylvia u Kevin izzewgu u marru jghixu fil-post li tahom missierha*".

Illi l-istess xhud sostna li "*wara li zzewgu u beda l-inkwiet bejniethom, jiena gejt avvicinat minn persuna li qalli li t-tifla ta' Kevin m'hijiex tieghu, u li missier it-tarbija qieghed jiftahar li Sylvia qieghda tghaddilu l-flus. Mall-ewwel ghidt lil Kevin b'dan li smajt u ibni beda jinsisti ma' martu li jaghmlu d-DNA test tat-tifla. Kevin qalli biex ma nghidx lill-marti biex ma ninkwitahiex, pero' jiena bqajt inzomm go fija, tant li qabadni attakk nervuz minhabba din il-kwistjoni. Naf li Kevin dam jinisti ma' Sylvia biex isir id-DNA, u darba minnhom ibni qalli li kienu ser imorru l-Ingilterra biex jaghmlu t-test hemmhekk. Pero' xorta baqghu ma marrux l-Ingilterra u wara xi zmien ghamlu t-test Malta. Irrizulta li t-tarbija m'hijiex bint Kevin u min dak iz-zmien ma rajtiex izjed lit-tifla*".

**<u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi fl-ewwel lok **<u>l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta</u>** jghid hekk:-

*"(1). B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza"*

Illi fil-ktieb intitolat "**Code of Canon Law Annotated**" mitbugh minn Wilson & Lafleur Limited' (Ed. 1993) a fol. 696 jinghad b'referenza ghall-*kanonu 1103* illi jipprovdi li -

*"The legislator has established the invalidity of consent given under the influence of force or fear not so much because of the injury suffered by the contracting parties and by the institution but because force or fear attacks the freedom necessary for contracting marriage. This freedom is a requirement of natural law…".*

Illi jkompli jinghad f'dan il-ktieb illi:

"*Moral coercion and fear are related in terms of cause and effect. Consequently while force acts in the external expression of consent, moral coercion and its effect – fear – acts on the internal psychic state of the contracting party and vitiates the origin of consent. While force, insofar as it materially compels the external expression of consent, does not leave any option to the subject between accepting marriage or not, moral coercion involves a defect in the consent because the subject accepts marriage albeit because of fear induced by the threat of some evil. While force is physically irresistible, fear is morally so.*"

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"…biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi l-Qorti ser taghmel l-osservazzjonijiet taghha fuq is-segwenti artikolu.

Illi dan l-artikolu jista' jigi maqsum fis-segwenti mod:

(a) Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi “*vjolenza fizika”*;

Illi fil-“**Code of Canon Law Annotated**” (*sup. cit*) jinghad a fol. 696 illi:

*“Violence or physical force (vis compulsiva, vis corpori illata) is a truly material coercion of the organs of external expression of the person for obtaining through this violence the external affirmative sign”.*

Illi jizdied u jinghad ukoll mill-istess ktieb hawn appena citat illi:

*“When the external signs, with which the contracting parties manifest their consent, have been obtained by the use of physical force (for example, forcing them to nod as a sign of assent), the marriage is null for the lack of consent. Cases in which there is terror causing fear or where the fear is so great that the victim is deprived of the use of reason should be considered equivalent to lack of consent”.*

(b) Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi *“vjolenza morali”*;

Illi fil-“**Code of Canon Law Annotated**” (*sup. cit*) jinghad a fol. 696 illi:

*“Moral Coercion (vis impulsiva, vis animo illata) is the psychological pressure exerted by the agent over the passive subject by means of threats”.*

Illi fis-sentenza **“Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo”** (deciza fit-13 ta’ Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta’ vjolenza u biza’ f’din il-materja. Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*“trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti.”*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), inghad illi:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-kunsens moghti taht l-effetti ta' vjolenza fizika jew morali, jew b'biza', mhuwiex kunsens hieles u ghalhekk ma jistax jitqies li hu validu biex jorbot il-parti konsensjenti.

Illi ***G. Lesage*** jghid hekk:-

*"physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse"* ***(Brown*** **– "Marriage Annulments"** London 1971 – **"Lorenza sive Laura Muscat vs Dr. Paul Micallef nomine"** (P.A. 17 ta' Frar 1988).

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**" deciza fid-9 ta' Frar, 2001 qalet illi:

*"Ir-rejalta guridika f'kawzi ta' din in-natura hi illi gjaladarba l-Att dwar iz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, tant li l-ligi kanonika m'ghadx ghandha effett bhala parti mill-ligi ta' Malta (Artikolu 35 tal-Kap. 255), allura 'civiliter' iz-zwieg ukoll ghandu, u kellu, jigi konsidrat bhala kuntratt, anke jekk ta' natura partikolari. Dejjem pero' minghajr ma wiehed jiskarta ghal kollox l-insenjament tad-dritt kanoniku, li fuqu, f'certi aspetti hi modellata l-ligi fl-Att dwar iz-Zwieg".*

Illi ghalhekk il-Qorti hija intitolata taghmel referenza ghall-artikoli tal-ligi, specjalment dawk li jinsabu fil-Kodici Civili u li jitkellmu fuq il-kuntratti.

Illi ezami tad-dispozizzjonijiet tal-**Kodici Civili ta' Malta** huwa wkoll relevanti, tant li l-**artikolu 978 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira".*

*"(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta', s-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna"*

Illi skond dan l-artikolu, l-vjolenza trid tkun daqshekk serja mhux biss li timpressjona *'persuna ragonevoli'* imma li l-hsara li ser tigi rekata tkun ingusta u gravi.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Mary Bilocca vs Gaetano Bilocca"** deciza fis-16 ta' Mejju 1990 minn din il-Qorti nghad illi:-

*"il-vjolenza giet imfissra bhala 'a pressure exerted by an outside agent on a future spouse in order to influence his or her actions'* u biza' bhala '*the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse'."*

Illi fil-kaz **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (VGD) deciz fit-3 ta' Ottubru 1995) gie sostnut li l-gravita' ta' vjolenza necessarja trid tigi ezaminata fil-kaz in kwistjoni tant li nghad illi:-

*"La 'gravitas' e' dunque da riferirsi al 'metus' il quale va considerato nel particolare contesto soggettivo di caiscuna fattispecie. Si tratta, dunque di una qaulificazione che dev'essere ricostruita caso per caso dalla gurisprudenza. Il timore deve comunque essere considerato grave quando, dopo un'attenta valutazione delle circostanze del caso e sopratutto della personalita' del violentato, appare che, dal punto di vista di quest'ultimo, il matrimonio era da considerarsi l'unico scampo per sfuggire il male minacciato. Di piu', e' sempre dalla parte del violentato la scelta matrimoniale deve*

*apparire, per essere l'effetto di un 'metus' realmente grave, come un comportamento razionale, cioe' tale da potersi dire 'giustificato' in rapporto all'importanza di una deliberazione come quella di sposarsi, alla quale non ci sarebbe alrimenti decisi. Si deve anzi osservare a questo proposito che l'avversione al matrimonio costituisce almeno un indice sul quale la giurisprudenza rotale insiste molto, per poter ritenere la presenza di una violenza condizionale l'opzione matrimoniale causata da uno stato di grave timore".*

Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bil-biza'-;

Illi fil-"**Code of Canon Law Annotated**" (*sup. cit*) jinghad a fol. 696 illi:

*"Fear on the other hand, is the consternation in the mind of the subject caused by the psychological pressure or moral coercion (and the subject is forced to choose marriage in order to free himself or herself of it)".*

Illi jkompli jinghad f'dan il-ktieb (a fol. 697) illi hemm diversi tipi ta' biza' fosthom:

*"i. The fear must be the antecedent cause of the expression of consent by the victim.*

*The legal norm requires a casual relationship between the fear suffered and the celebration of marriage. It seems obvious that fear cannot be the cause of nullity if the person who has been subjected to threats, even seriously, has not been influenced by them. Regarding this matter, it is useful to consider the distinction between antecedent and concomitant fear. Antecedent fear is that which acts as a principal motivating cause of marriage so that without it the marriage would not have been celebrated. On the other hand, concomitant fear is present at the celebration as a supplementary motive, but not as the principal cause. The marriage is null if it is celebrated because of fear (antecedent), but not if it is only contracted with fear (concomitant).*

*Reverential Fear*

*This concerns a practical situation, which, because of its considerable frequency is well grounded in doctrine and jurisprudence. It designates the fear of an evil the particular gravity and external character of which indicate that the relationship of subordination and reverence which exists between the superior who inflicts the fear and the inferior who suffers it, plays a principal role. The characteristic features of reverential fear are: that there be a dependent relationship according to which an inferior owes deference and respect to a superior (between parents and children, guardian and ward, worker and management, etc.); that there be a well-founded fear of provoking serious and lasting indignation of the superior if marriage is not accepted; and that the coercion is brought about by the latter by different means which give rise to a real state of oppression in the mind of the inferior, precisely as an inferior. It must be understood that the complete disappearance of the requirement of directly inflicted fear for common fear also favours reverential fear; this enables reverential fear to be considered invalidating when the superior did not inflict the threats with the intention of forcibly obtaining consent, provided that the threats gave rise to real disturbance in the mind of the victim and, consequently, led to the choice of a marriage which would never have been celebrated without this coercion".*

Illi kif diga inghad supra fil-kawza "**Scicluna vs Spiteri**" *'iz-zwieg ukoll ghandu, u kellu, jigi konsidrat bhala kuntratt'.*

Illi l-**artikolu 978 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira"*

*“(2) F’dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta’, s-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna”*

Illi skond dan l-artikolu, l-vjolenza trid tkun daqshekk serja mhux biss li timpressjona *‘persuna ragonevoli’* imma li l-hsara li ser tigi rekata tkun ingusta u gravi.

Illi **l-artikolu 980 tal-Kap 16** jiddistingwi bejn biza’ u *“reverential fear”* li ma tkunx bizzejjed biex igib in-nullita’ tal-att kontratwali. Ta’ min josserva li, izda l-**Kap 255** ma jaghmilx din id-distinzjoni u ma hemm xejn li jeskludi li *‘biza reverenzjali’* jekk tkun gravi bizzejjed, milli tikkwalifika wkoll bhala vizzju tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-Qorti taghmel referenza, a skans ta’ ripetizzjoni dak li diga’ nghad mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fuq dan is-suggett ta’ biza’ fil-kawza fl-ismijiet “**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**” (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u “**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**” (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta’ Marzu, 2000).

Illi fil-kaz **“Joseph d’Ugo vs Rita D’Ugo”** (P.A. (FD) 20 ta’ Gunju 1994) inghad illi:-

*“Fl-ewwel lok il-biza’ trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza’ trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid”.*

Illi l-biza’ tista’ tkun ukoll “*reverenzjali”* bhal per ezempju l-biza’ lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **“Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et”** (P.A. - 22 ta’ Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*“Il-biza’ ta’ nies li huma superjuri jew il-genituri tista’ f’certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B’dan mhux qed jigi ntiz, biza’ fis-sens ta’ suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta’ certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza’ li wiehed jitkecca mid-dar*

*jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

*In oltre*, fil-kawza fl-ismijiet "**Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher Mifsud**" (Cit. Nru. 174/02) deciza fis-26 ta' Novembru, 2002 inghad:-

"*Illi ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza' f'dak li jkun*".

Illi jigi wkoll osservat li l-**Att taz-Zwieg tan-1975** kien impona limitazzjoni ta' sena zmien, dekorribbi minn meta l-persuna li kienet tat il-kunsens vizzjat, tigi mehlusa mill-vjolenza (**artikolu 20 (c)**). Din ir-restrizzjoni applikabbli wkoll ghall-kaz ta' zball fuq l-identita' tal-persuna, giet skartata fl-emendi introdotti fis-sena 1981, b'rikonoxximent tan-natura essenzjali tal-kunsens matrimonjali bhala att kostituttiv taz-zwieg. Jekk il-kunsens ma jkunx integru minhabba vizzju msemmi fil-Ligi, ma hemmx possibilta' li dan il-kunsens ikun jista' jigi sanat. Iz-zwieg jitqies *ab initio* null.

Illi bl-emendi tal-1981, il-biza' giet introdotta bhala vizzju ta' kunsens ghall-fini tan-nullita' taz-zwieg donnu b'zieda ghall-kuncett ta' vjolenza morali. Fil-fatt, ezami tal-gurisprudenza rotali turi li l-*"is animo illata"* jew *"moral coercion"* hu relattat mal-biza' f'relazzjoni ta' kawza u effett. Il-biza' hija l-effett tal-vjolenza. Izda id-dicitura tal-**artikolu 19 (1) (a)** thalli possibilta' li l-biza' tigi kkunsidrata bhala kap ta' nullita' apparti dak ta' vjolenza morali.

Illi l-gravita' tal-*'metus'* jitqies mhux biss oggettivament imma wkoll relattivament skond il-persuna li qed tissubbixxi l-vjolenza. Ghalhekk il-'*metus'* hu relattiv ghas-suggett izda b'dan biza' merament pwerili mhux ser tkun bizzejjed biex tannulla l-element tal-kunsens.

Illi ***J.F. Castano*** jispjega l-biza' reverenzjali b'dan il-mod:-

*“oggettivamente il metus reverentialis non e’ grave, ma a causa di diverse circostanze si puo’ convertire in metus gravis per una determinata persona. Gli autori e le sentenze ricordano alcuna di queste circostanze come ad esempio: la vergogna naturale di disobbedire ai genitori, il timore di recare un dispiacere ai mediesimi, la paura di provocare una irritazione magari passeggere agli stessi genitori”* tant li *“il timore reverziale causato da persone a cui il soggetto che lo subisce e’ legato con speciali vincoli di sangue, di affetto, di gratutudine, di venerazione, o di sudditanza, a ragione di ufficio o lavoro. Il male immininente o probabile che essa intende evitare non e’ costuito solo dal pericolo di perdere l’eredita’, l’affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all’imfamia se si tratta di ragazza madre, ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta’ ‘dispiacere’ o ‘indignazione’.* L-istess awtur jghid li l-mod kif id-dispjacir jew indinjazzjoni jigu manifestati, per ezempju, skiet, dak li tissejjah bhala *‘freddezza’* jew bruda, theddid jew rimproveri, fihom infushom mhumiex gravi *“pero’ lo possono essere nella situazione concreta divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, persona che’ ne’ e’ vittima, si arrende alla volonta’ altrui accettando le nozze come unica strada di uscita con una scelta senza piena autonomia”* **(“Il Sacramento del Matrimonio”** pg. 398).

Illi fis-sentenzi li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **“John sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut”** (P.A. (N.A.) 22 ta’ Gunju 1995), **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** (P.A. (NA) 14 ta’ Awissu 1995) u **“Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri”** (P.A. (NA) 3 ta’ Ottubru 1995) gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta’ dik fizika, li fil-kaz *in dizamina* certament ma kienetx tezisti) u l-biza’ hija wahda ta’ kawza w effett. Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar”** *(*P.A. 19 ta’ Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*“Biex jista’ jinghad li l-kunsens ikun ivvizzjat bil-biza’ fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza’ tkun tali li mhux*

*biss akkompanjat il-kunsens izda ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza'"*.

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' *in dizamina* jrid ikollha kawza esterna ghal persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (P.A. - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero` jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' jkun relattiv meta jkun tali li jekk impost fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li huwa relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi"**, (P.A. -18 ta' Mejju 1988) ingjhad illi:

*"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn,*** u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta’ ‘biza’ xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **“Mary Lourdes Spiteri vs Christian sive Cristino Spiteri”,** (P.A. (FD) fis-6 ta’ Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*“ghal dak li jirrigwarda l-biza’ din tista’ tigi definita fi trepidazzjoni jew ecitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta’ dak il-hin, kemm minn haga li tista’ tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta’ min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista’ jigrilu.”*

Illi fil-kawza **“Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe.”** (P.A. (F.D.) fit-12 ta’ Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza’ bhala:-

*“dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta’, hekk li, precizament minhabba din il-biza’, ‘quis cogatur ad contrahendum matrimonium’.”*

Illi fis-sentenza **“Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca”,** (P.A. (FD) -16 ta’ Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza’ hija:-

*“the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse.”*

Illi l-istess inghad fil-kawza **“Joseph D’Ugo vs Rita D’Ugo”** (P.A. (FD) – 28 ta’ Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*“Il-biza’ tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza’ trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid.”*

Illi mon-naha l-ohra l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid hekk:-

*"(1). B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **John Borg vs Paula sive Polly Borg** (P.A. (VDG) -22 ta' Mejju 1995) inghad illi:-

*"l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq "xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"… "kieku dak il-paragrafu 19(1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

Tkompli tghid din is-sentenza illi:

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* must be *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annotated**. - Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (Ara f'dan is-sens **Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Novembru 1982).

Illi skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

**Il-Kodici Kanoniku fil-Kanoni 1098** jghid illi "*A person contracts invalidly who enters marriage inveigled by deceit, perpetrated in order to secure consent, concerning some quality of the other party, which of its very nature can seriously disrupt the paternership of conjugal life*".

IIlli f'decizjonijiet recensjuri moghtija mir-Rota Rumana, l-qerq gie ikkumparat mas-simulazzjoni totali fis-sens illi meta wiehed jissimula l-kunsens tieghu fis-sens illi huwa ma jkunx qieghed jaghti lilu nnifsu lil parti l-ohra fiz-zwieg. Hekk ukoll jigri meta wiehed jqarraq bil-parti l-ohra fiz-zwieg fi kwalita li ghandha konnessjoni diretta ma' l-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi ***Monsinjur Burke***, f'decizjoni moghtija fil-5 ta' Novembru, 1987 (ARRT Dec., vol. LXXIX, pp.617-618) jghid illi:

*"The person who does not make a true conjugal self-giving, in reality does not consent to the marriage. This happens in the case of simulation, when the contracting party excludes the marriage itself or any aspect of it from his consent (can, 1101 §2), which consent thus becomes "non-conjugal". It can also happen when a person, although he resolves to accept the essential elements and properties of marriage, elicits a certain "auto" self-giving which does not correspond to reality, because it has been falsified by deliberate deceit. It is this case which is dealt with in canon 1098".*

Ili kif diga' inghad, mhux kull tip ta' qerq jinvalida l-kunsens taz-zwieg. ***Il-Kardinal Pompedda,*** id-Dekan tar-Rota Romana, jelenka erba' elementi li jekk ippruvati, jgibu fix-xejn il-kunsens taz-zwieg u dan peress illi tali kunsens ikun vizzjat bil-qerq.
Illi dawn l-erba' (4) elementi li gew elenkati f'sentenza moghtija mill-istess ***Pompedda*** fis-6 ta' Frar, 1992 (ARRT Dec, Vol. 84, p. 58 n. 4) huma s-segwenti:-

*a) that a person enters upon marriage deceived by fraud;*
*b) that the fraud is perpetrated in oder to obtain the consent;*
*c) that the object of the fraud is some quality of the other party;*
*d) and finally, that the lack of that qaulity in the other contracting party is able of its very nature to disturb seriously the partnership of conjugal life, or better, the communion of the whole of life"*

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi min ghandu jiggudika f'kazijiet fejn jinghad illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ghandu jara illi:

a. Il-persuna li tghid li kienet imqarqa trid tkun hekk imqarqa dwar xi kwalita tal-parti l-ohra, l-ghaliex fin-nuqqas, anke jekk wiehed ried jinduci lil parti l-ohra fi zball u ipprova jidhak bih, jekk huwa kien jaf bir-rejalta tal-fatti, huwa ma jistax jghid illi huwa kien vittma ta' zball li l-parti l-ohra b'qerq ipprattikat fuqu;
b. L-izball dwar il-kwalita tal-parti l-ohra irid ikun ir-rizultat dirett ta' qerq intenzjonali. Dan jimplika l-konsapevolezza tal-att intenzjonali ta' terza persuna, li mhux bilfors tkun il-parti li qeghda tikkontratta. Jekk wiehed japplika l-istess principji applikabbli fis-simulazzjoni, wiehed irid jghid illi l-qerq irid isir b'intenzjoni posittiva, intiza mill-persuna li qeghda tqarraq jew b'att posittiv, jew anke b'omissjoni. Konsegwentement, jekk wiehed jagixxi minghajr ma jirrejalizza illi l-azzjoni tieghu tista taghti lok ghal zball u konsegwentement ghal qerq,

ma jistax jinghad li dik il-parti ikkommettiet qerq. Lanqas ma huwa mistenni illi wiehed jisvela l-kwalitajiet tieghu kollha, izda ghandu jizvela dawk il-kwalitajiet li jista jkollhom influwenza diretta fuq il-proprjetajiet essenzjali taz-zwieg.
Illi dwar dan il-punt, *Monsinjur Burke*, fis-sentenza hawn fuq citata jghid illi:-

*"It should be evident that it is not the concealment of any quailty which invalidates the consent, but only the concealment of a quality which is essential for the conjugal self-giving. That 'self-giving', which is proper to the matrimonial consent, does not require (indeed it cannot require) that a person gives to the other partner every single aspect of his life and person; what it essentially requires is the giving of the conjugal aspects".*

c. Il-qerq irid ikun wiehed intenzjonali bl-ghan illi jinghata l-kunsens. Irid ikun ippruvat mill-atti illi l-motiv ta' dan il-qerq irid ikun precizament sabiex jinghata l-kunsens matrimonjali.
d. L-oggett tal-qerq irid ikun dwar il-kwalita tal-parti l-ohra, li minnha infisha, ser tikkawza disturb serju fil-hajja mizzewga. Fi kliem il-Monsinjur Burke, fis-sentenza fuq citata *"what concerns us is not the gravity of the fraud, but the gravity of those things which follow as a consequence"*.

Illi dan l-artikolu tal-ligi jghid wkoll illi *"l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi biex wiehed jara jekk l-kwalita' li dwaru gie ipprattikat il-qerq setax fixkel serjament il-hajja mizzewga wiehed ghandu jasal ghaliha b'mod oggettiv. F'kaz illi dan il-fatt jigi stabbilit oggettivament, allura wiehed ghandu jghid illi kien hemm il-qerq li trid il-ligi sabiex jigi invalidat il-kunsens moghti. Konsegwentement kwalitajiet soggettivi, li ma jistghux jigu rikonciljati b'mod oggettiv mad-dmirijiet u obbligi essenzjali taz-zwieg ma

jistawx jigu ikkunsidrati *stante* li dawn huma biss kwalitajiet trivjali u / jew arbitrarji.

Illi fl-istess decvizjoni fuq citata jinghad li:-

*"…one is not allowed to say that small defects, even if they appear troublesome to one of the parties, draw up from their own nature the capacity to disturb seriously the partnership. If there arise occassions of difficulties in the conjugal community, in that case this is due to the nature of the person affected by these annoyances -– such as for instance his excessive irritability, etc – rather than to the nature itself of the defect".*

(e) Finalment, l-ahhar punt li wiehed irid jara huwa l-ewwel rejazzjonijiet tal-persuna li skopriet il-qerq sabiex wiehed jistabilixxi l-effett oggettiv fuq iz-zwieg. ***Monsinjur Carmelo Scicluna*** f'sentenza li huwa ta fit-Tribunal Ekklesjastiku Malti fl-20 ta' Lulju, 1991 (ara **Forum N. 2,** Vol. 3, 1992 pp. 132-133 n.6) filwaqt li jaghmel referenza ghal ktieb **La Giurisprudenza dei Tribunali Ecclesiastici Italiani, Lib.** Ed. Vaticana, 1989 p.210 jghid illi:-

*"La scoperta del dolo provoca nella vittma del sopruso, un istintivo e immediato moto psicologico irreprimibile che viene esternato dall' intensita' della sofferenza derivata appunto dalla scoperta e dalla veemenza della reazione che ne consegue in tale contesto il 'deceptus' viene a trovarsi in una situazione analoga, per non dire identica, a quella della vittima dell' errore ovvero della condizione non verificata, per cui nulla impedisce che all' istituto del dolo, come causa irritante del consenso matrimoniale, vadano applicati i principi che la giurisprudenza rotale indica ed esige provati con certezza morale nelle suddette altre fattispecie, e cioe', quel triplice criterio: a) quanti nupturiens fecerit qualitatem (translated as: how highly did the spouse consider the quality); b) perseveranza 'usque ad nuptias' (translated as: up to the nuptials) nell'esigenza di quella particolare qualita; c) 'modus se generandi cum*

*primum certus factus sit bonum illud effugisse (translated as: the way he behaved as soon as he was informed that that good qaulity was lacking)".*

Illi ghall dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** dan jipprovdi li:-

*(1). B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Illi dwar dan is-sub-artikolu l-Qorti tirrileva illi din il-Qorti kif presjeduta kellha diversi okkazzjonijiet fejn ezaminatu fosthom kif fis-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999).

Illi fil-fatt fl-istess decizjoni nghad li "*B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku*" (Ara f' dan is-sens "**Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 P.A.).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di*

*mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72**).

Pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza:-

"*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia,** u **Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso ……….. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva ……… La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono*

*privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.***, **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

"*…….. se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ……… In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,* Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi fl-ahharnett issir referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" ***(Viladrich, P.J.,* Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (****"Isabelle Zarb vs Stephen Attard" –*** *P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995); "**Theresa Mangion vs Keith Mangion**" (P.A. (RCP) 30 ta' Dicembru 2002 Cit Nru: 356/01/RCP).

Illi kif gie affermat diversi drabi mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li: -

*"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-*

*imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**", P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid:

*"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (**"*Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt*"**, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi wkoll il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-*

*partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadallah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew

ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma:

*"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi z-zwieg, il-proprjetajiet essenzjali taz-zwieg u l-kunsens matrimonjali mhumiex definiti fl-Att dwar iz-zwieg u ghalhekk huwa opportun li ssir referenza ghall-**kanoni 1055 §1; 1056; u 1057 § 2 tal-Kodici Kanoniku** li rispettivament jipprovdu:-

*"The marriage covenant by which a man and a woman establish between themselves a partnership of their whole life, and which of its own very nature is ordered to the well-being of the spouses and to the procreation and upbringing of children, has between the baptised, been raised by Christ the Lord to the dignity of a sacrament."*

*"The essential properties of marriage are unity and indissolubility; in christian marriage they acquire a distinctive firmness by reason of the sacraments."*

*"Matrimonial consent is an act of the will by which a man and a woman by an irrevocable covenant mutually give and accept one another for the purpose of establising a marriage."*

Illi fil-kunsens matrimonjali kif definit fil-fuq ikkwotat **kanone 1057 § 2** temergi l-komunjoni ta' hajja shiha jew

*"totius vitae consortium"* ikkontemplata fil-fuq ikkwotat kanone 1055 § 1. Fil-**kanone 1057 § 2** huwa deskritt l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

*"This is none other than the man and the woman, that is in their conjugality, that is, in their respective natural sexual capacity as related to the ends of marriage. In other words, by means of the marriage covenant, the woman gives herself as a wife to the man, and the man gives himself as a husband to the woman, and they mutually accept each other as such." (Notamenti dwar kanone 1057 § 2 f'pagni 660 u 661 tal-***Code of Canon Law Annotated** *- edited by **E. Caparros, M. Theriault, J. Thorn**; published by Wilson & Lafleur Limitee - Montreal 1993.)*

Illi sabiex ikun hemm l-imsemmi *"totius vitae consortium"* hija essenzjali l-prezenza fiz-zwieg tat-tliet *"bona matrimonii"* li kif jispjega l-awtur ***Jose F. Castagno*** huma:-

*"... a) bonum prolis, che sta a significare la generatio atque educatio prolis del can. 1055 ... .; b) bonum fidei o fedelta', che nei cann. 1056, 1101 § 2, 1134, viene chiamata unitas; c) bonum sacramenti che e' lo stesso dell'indissolubilitas o vincolo perpetuo dei cann. 1056, 1057 § 2, 1101 § 2, 1134." (Pagni 61 u 62 tal-ktieb intitolat* "**Il Sacramento del Matrimonio**" - **Jose. F. Castano O.P.** *- Seconda edizione Roma 1992.)*

Illi dwar il-kunsens matrimonjali l-awtur ***Jose F. Castano*** jispjega:-

*".... il matrimonio, nel suo aspetto giuridico e concretamente, come actus quo ("in fieri"), e' un contratto consensuale, cio' che e' stato recepito nel can. 1057 con la clausola matrimonium facit partium consensus. Da cio' segue: a) il consenso delle parti e' l'elemento piu' importante del matrimonio; b) il consenso puo' essere viziato e quindi il matrimonio puo' essere invalidato a causa di uno dei vizi del consenso* (cann. 1095-1103)."

(Pagna 109 tal-fuq imsemmi ktieb intitolat: "**Il Sacramento del Matrimonio**".)
Illi dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha ***Jose F. Castano*** jikteb:-

*"La mancanza di sufficiente maturita' o il grave difetto di discrezione di gudizio, senza che debba essere necessariamente una malattia nel suo significato tecnico, suole avere come causa una psicosi o personalita' psicopatica, una nevrosi, oppore un disordine nel meccanisno psichico che gli autori chiamano disordine di personalita'. Queste figure sono catalogate dagli specialisti come anomalie psichiche. ...". (Pagna 317 tal-fuq imsemmi ktieb: "***Il Sacramento del Matrimonio*".**

Illi fil-**Code of Canon Law Annotated** hemm is-segwenti spjegazzjoni:-

*"... the expression discretion of judgement does not refer so much to cognitive resources or sufficient intellectual perception ... as to that degree of personal maturity which enables the contracting parties to discern in order to bind themselves to the essential rights and duties of marriage. ... The expression grace lack refers to the discretion of judgement, which is a juridical concept. The cause of consensual incapacity and nullity of the act is not, therefore, the gravity of the psichic anomaly which is a medical concept and a case of fact, but the gravity of the lack of discretion of judgement. .... . ... there is a grave lack when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner ... the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of*

*the offspring. ... ." (*Pagna 686 tal-fuq imsemmi **Code of Canon Law Annotated)**

Illi fl-ahhanett l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, new ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi ma hemmx dubju li l-legislatur Malti, meta ifformula dan il-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sa l-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. Infatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano (Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992):-**

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam propprietatem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio,*

*non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta` tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (**Bejan** 29 ta' Lulju, 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (**Abbo** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru,1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista` jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju,1973) (***Ferraro*** 26 ta' April, 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are different from marriage."* (***Rogers*** 11 ta' Novembru, 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoncidux ma` dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lil ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill-banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fi totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

**(iii) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL PROVI PRODOTTI.**

Illi l-attrici xehdet illi hija kienet iltaqet mal-konvenut meta hija kellha hmistax-il (15) sena. Huma ghamlu xi sena u nofs johorgu flimkien, izda wara dan iz-zmien peress illi l-attrici hassietha ghadha zghira biex tidhol f'relazzjoni,

huma iddecidew li jiehdu *break*. Hija tghid illi fil-fatt l-kontendenti kellhom hafna min dawn l-*breaks*, daqqa kienu jkunu ta' ftit granet u daqqa kienu jkunu xhur shah. L-attrici tiftakar illi meta kienu jkunu bi *break* kemm hi u kemm il-konvenut kienu johorgu ma' nies ohra u dan peress illi ma kien hemm l-ebda irbit bejniethom.

Illi dawn il-perjodi hekk imsejha ta' *breaks* kienu damu sejrin ghal madwar sena. Tul dan iz-zmien, l-attrici tghid illi l-konvenut kien ghamlilha diversi proposti sabiex huma jizzewgu, izda hi qatt ma haditha bis-serjeta. Fil-fatt tghid "*jien min-naha tieghi qatt ma hadtha bis-serjeta. Anzi hafna drabi meta Kevin kien iqajjem dan is-suggett, jien kont nghidlu iva biex ma jibqax iddejjaqni. Fil-fatt jien kont naghmel hekk biss bil-hsieb li nehles minnu u fil-fatt qatt ma kkunsidrajt serjament dawn il-proposti. Dan kont naghmlu l-aktar ghaliex jien ridt inzomm il-liberta tieghi u li kieku mhux ghax kont nghidlu iva Kevin kien jibqa jippersegwitani*".

Illi wara hafna fittagni da parti tal-konvenut, l-attrici tghid illi hi u l-istess konvenut kienu marru jibbukjaw is-sala ghat-tieg taghhom. Tghid izda li "*din ma kinitx ghazla tieghi. Hu qabad u ghazel sala u tant hadli rasi li mort mieghu naraha pero iktar biex nghalaqlu halqu*".

Illi l-ahhar *break* li kellhom il-partijiet kien f' Novembru, 1998 izda lejn l-ahhar ta' Jannar, 1999 huma regghu rrangaw flimkien u dan fuq insistenza tal-istess attrici. Xi xahar u nofs li bdew regghu johorgu flimkien, l-attrici tghid illi hija skopriet li kienet tqila.

Illi r-raguni li taghti l-attrici ghal fatt illi hija iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut kienet illi hija kienet qeghda tibza' mir-rejazzjoni ta' missierha ghal fatt li hija kienet tqila. Kien biss wara t-tieg li l-attrici qalet bit-tqala lill-missierha u fil-fatt qaltlu li t-tifla twieldet b'mod prematur u dan sabiex tahbi l-fatt li kienet tqila qabel iz-zwieg.

Illi l-attrici tghid illi hija mal-ewwel indunat li z-zwieg kien zball u fil-fatt mal-ewwel beda l-inkwiet, tant illi wara xi hames xhur li twieldet it-tifla, l-konvenut telaq mid-dar.

Meta l-konvenut talab lill-attrici taghmel it-test tad-DNA, u dan wara li gieh suspett illi l-minuri Tiffany ma kinitx tieghu, irrizulta fil-fatt dak li kien qieghed jissuspetta u cioe' li verament il-minuri Tiffany ma kinitx bintu.

Illi l-attrici tammetti illi "*fil-breaks li kien ikollna meta ma kontx inkun qed nohrog mieghu kien ikolli relazzjonijiet ma' terza persuna. Dan kien minhabba li ma kontx inqis ir-relazzjoni taghna bhala wahda serja*".

Illi anke missier l-attrici **Saviour Scicluna**, xehed illi "*kemm damu johorgu flimkien Kevin Curmi u t-tifla qatt ma tawni x'nifhem illi kellhom xi relazzjoni serja u li ghad jizzewgu*".

Illi l-konvenut jghid illi waqt l-gherusija, l-attrici ma tantx uriet dak l-ghaqal li huwa rikjest minn persuna li kienet qieghda tipprepara ruhha ghal hajja mizzewga. Di fatti l-konvenut jghid illi "*L-ewwel inkwiet li kien hemm bejni u bejn Sylvia sehh fis-Sajf 1998, meta Sylvia ddecidiet li tohrog Paceville ma' tfajla li kont naf li tiffrekwenta ghadd ta' rgiel. Jien ghidtilha li ma kontx qed niehu gost b'dan il-fatt u ghalhekk iddecidejna li niehdu break mir-relazzjoni taghna. Wara xi tlett gimghat Sylvia kienet cemplitli fuq il-mobile u talbitni biex niltaqghu minnufih halli nitkellmu. Niftakar li jiena tlaqt minn nofs laqgha peress li hsibt li nqala xi haga gravi. Meta wasalt Sylvia ammettiet li ghamlet zball u talbitni nergghu nirrangaw. Sylvia fl-ebda punt ma qaltli li hija kienet harget minn xi guvni iehor. Hija kienet semplicement semmiet il-hbieb taghha. Da parti tieghi jiena fil-perjodu tal-break ma ffrekwentajt lill-ebda tfajla ohra".*

Illi minkejja li ftit gimghat wara li kienu hadu *break* fis-Sajf 1998 regghu irrangaw, l-affarijiet ma tantx kienu sejrin tajbin bejn il-kontendenti tant illi fil-Milied tan-1998 il-kontendenti regghu hadu *break* iehor. F'dan il-perjodu kien gie deciz illi t-tieg jithassar. Qabel ma ittiehdet din id-decizjoni, il-konvenut kien talab lill-attrici jekk hija riditx taghtih opportunita ohra izda l-istess attrici kienet certa mid-decizjoni li kienet hadet din id-darba. Xi ftit jiem wara li l-attrici kienet infurmat lill-konvenut bid-decizjoni taghha,

u cioe' li kienet certa li ma riditx tizzewgu, hija kienet cemplitlu u qaltlu li kienet biddlet fehmtha u fil-fatt riedet tizzewweg lill-konvenut. *Stante* li l-konvenut kien ghadu jhobb lill-attrici huwa accetta dan il-fatt u regghu bdew johorgu flimkien. Dan kien ghall-ahhar ta' Jannar. Wara xi zmien li kienu ghamlu regghu johorgu flimkien, l-attrici infurmat lill-konvenut illi kienet tqila.

Illi l-konvenut jghid illi wara li hareg ir-rizultat tad-DNA u wara li kkonfronta lill-attrici b'dan ir-rizultat, hija kienet ammettiet mieghu illi kellha "*one-night stand ma' Ingliz*". L-istess konvenut jghid illi l-attrici "*illum il-gurnata naf li Sylvia regghet tqila minn relazzjoni li ghandha ma haddiehor u weldet tarbija ohra Emma Ann*".

Illi l-"*preparamenti ghat-tieg kollha kont ghamilthom jien"* jghid il-konvenut u "*Sylvia ma tantx kien jinteressaha*". Wara li tweldet il-minuri Tiffany, beda jinqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti. Omm il-konvenut, Mary Curmi, tghid illi l-attrici bdiet titraskura lil-minuri, bdiet thallieha man-nies, inkluz maghha. L-attrici bdiet tohrog mal-hbieb taghha, anke bil-lejl, meta l-konvenut kien ikun xoghol. Omm il-konvenut tghid illi wara li l-minuri kienet tkun ilha maghha ghal gurnata shiha, l-attrici kienet tghidilha biex tiehu lit-tifla minuri ghand il-babysitter. Anke il-komportament tal-attrici bhala omm ma tantx kien tajjeb. Fil-fatt, Mary Curmi fix-xhieda taghha tghid illi "*xi drabi ahna konna nkunu l-Armier u Sylvia kienet tigi bit-tifla minghajr nappies u minghajr ikel, u thallieha maghna. Darba minnhom Sylvia gabitli t-tifla bin-nappy mimlija pipi u ma gabitliex la ikel u lanqas affarijiet ghat-tarbija".*

Illli dan il-fatt tikkonformah ukoll oht il-konvenut Stephanie Curmi li tghid illi "*Sylvia bdiet tinqeda bina. Hija kienet iggibilna t-tarbija d-dar biex skond hi tmur taghmel qadja. Sylvia kienet iddum sieghat biex tirritorna lura u kemm-il darba n-nies qalulna li jkunu rawha l-Belt tigri mall-hbieb. Peress li Sylvia ma kinitx iggib l-affarijiet tat-tarbija maghha, ommi spiccat xtrat kollox doppju biex ma thalliex lit-tifla nieqsa* ".

Illi din il-Qorti l-ewwel ser tezamina dawn il-provi prodotti fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255** jirrizulta li apparti dak li ser jinghad dwar l--attrici u t-tqala taghha taht kap ohra ta' **l-artikolu 19 (1)** jirrizulta illi l-attrici bl-ebda mod ma kienet ippreparata li toqghod ghall-hajja mizzewga mal-konvenut, tant li kienet konxja tal-fatt li qeghda taghmel zball sa mill-mument tal-kunsens taghha tal-istess zwieg. *Oltre* dan jirrizulta illi l-attrici ma kinitx thobb lill-konvenut u ma kinitx lesta li tqatta' hajjitha kollha mieghu.  Fil-fatt wara li zzewgu l-attrici xorta baqghet tohrog ma' shabha, u thalli lill-bintha minuri ma' terzi persuni, inkluzi omm il-konvenut. Hija l-opjinjoni ta' din il-Qorti li l-istess attrici ghazlet li tizzewweg lill-konvenut ghaliex fis-sitwazzjoni li kienet fiha hekk kien jaqbilha u xejn izjed – l-presenza tal-konvenut kienet utili u konvenjenti ghaliha.

Illi certament mill-provi kollha prodotti mill-kontendenti, ikkorroborati b'dan l-atteggjament tal-attrici lejn iz-zwieg mal-konvenut mix-xhieda ta' ohtu u ta' ommu jinghad illi l-attrici kellha l-kunsens taghha vizzjat b'difett serju ta' diskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess, u l-kunsens taghha kien ukoll difettuz *stante* li eskludiet pozittivament elementi essenzjali mill-istess zwieg sa mill-bidu tieghu, ghaliex qatt ma kellha l-intenzjoni li tkun lejali lejn zewgha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi ghalhekk dan iz-zwieg huwa ukoll null abbazi ta' l-**artikolu 19(1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghall dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (a)** jinghad li mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-ewwel parti ta' dan l-artikolu tal-ligi u cioe' li *"l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali"* hija applikabbli f'dan il-kaz, l-ghaliex ma hemm l-ebda allegazzjoni dwar dan.

Jifdal ghalhekk x'jigi ezaminat jekk il-kunsens moghti mill-attrici fiz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f'din il-kawza kien affett mit-tieni parti ta' dan l-artikolu tal-ligi:-

Illi l-attrici tghid illi "*Jien kont accettajt li nizzewgu minhabba missieri. Jien kont nibza hafna minn missieri u fil-fatt ma ghidtlux mill-ewwel li kont pregnant. Kont naf li missieri kien ser jirrabja hafna b'dan. Ohti xi snin qabel kienet inqabdet pregnant u ma kinitx mizzewga. Missieri tant kien hadha bi kbira u tant irrabja maghha li kellha tizzewweg. Ghalhekk jien stajt nobsor x'kienet ser tkun ir-rejazzjoni ta' missieri*" u "*Lil missieri ma kont ghidtlu xejn bil-pregnancy qabel it-tieg minhabba l-biza li kelli minnu. Ghidtlu biss wara t-tieg u kont ghidtlu li t-tifla kienet twieldet 'premature' biex nahbi l-fatt li ma kontx ghidtlu mill-ewwel*".

Illi missier l-attrici, Saviour Scicluna jghid illi "*wara t-tieg sirt naf illi t-tifla kienet harget tqila qabel ma zzewget. Dan pero' t-tifla ma kienet qaltli xejn dwaru qabel ma zzewget. Jien indunajt peress illi t-tifla weldet madwar sitt xhur wara t-tieg u kellha tifla. Jien nifhem ghaliex ma qaltli xejn dwar it-tqala. Jien kont bastun fuq uliedi fis-sens illi nzomm id-dixxiplina fuqhom. Naf illi li kieku t-tifla qaltli illi kienet inqabdet tqila qabel ma zzewget kont nirrabja hafna maghha. Dan it-tifla tafu u tibza minni*".

Illi Angela Borg tghid dak li qaltilha l-attrici u cioe illi "*hija qatt ma kienet riedet tizzewgu lil Kevin u kienet izzewgitu biss minhabba illi kienet harget tqila u minhabba l-biza li kellha minn missierha*".

Illi dawn huma l-provi kollha dwar l-allegazzjoni ta' biza li l-attrici tghid illi kellha minn missierha. Ma jinghadx kif din il-biza' affettwat il-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg. Ma ingiebet l-ebda, forsi l-ahjar wahda kienet tkun dik ta' oht l-attrici, li skond l-istess attrici tghid illi "*missieri tant kien hadha bi kbira u tant irrabja maghha li kellha tizzewweg*". F'dan l-istat ta' incertezza u mill-provi prodotti, il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li l-attrici kienet taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet minhabba l-biza reverenzjali li tghid u trid il-ligi nostrana.
Illi issa ser jigu ezaminati l-provi prodotti abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255.** F'dan il-kuntest jinghad li l-attrici tiftakar illi meta kienu jkunu bi *break* kemm hi u

kemm il-konvenut kienu johorgu ma' nies ohra u dan peress illi ma kien hemm l-ebda irbit bejniethom.

Illi hija tghid illi "*ahna konna domna sejrin hekk ghal zmien twil cirka xi sena ohra, u li tul daz-zmien Kevin kien gieli ghamili xi proposti ghaz-zwieg u jien min-naha tieghi qatt ma hadtha bis-serjeta. Anzi hafna drabi meta Kevin kien iqajjem dan is-suggett, jien kont nghidlu iva biex ma jibqax iddejjaqni. Fil-fatt jien kont naghmel hekk biss bil-hsieb li nehles minnu u fil-fatt qatt ma kkunsidrajt serjament dawn il-proposti. Dan kont naghmlu l-aktar ghaliex jien ridt inzomm il-liberta tieghi u li kieku mhux ghax kont nghidlu iva Kevin kien jibqa jippersegwitani*".

Illi fil-fatt l-istess attrici telabora illi "*wara hafna fittagni da parti tieghu konna morna u Kevin kien ibbukkja s-sala. Pero' din ma kinitx ghazla tieghi. Hu qabad u ghazel sala u tant hadli rasi li mort mieghu naraha pero' iktar bieax nghalaqlu halqu*".
Illi hija tkompli tghid illi hija mal-ewwel indunat li z-zwieg kien zball u fil-fatt mal-ewwel beda l-inkwiet. Tghid illi xi hames xhur wara li twieldet it-tifla, l-konvenut telaq mid-dar. Tghid ukoll illi minn testijiet tad-DNA li saru fuq il-minuri Tiffany, irrizulta illi din ma kinitx il-wild naturali tal-konvenut. Tghid illi "*huwa minnu li fil-breaks li kien ikollna meta ma kontx inkun qed nohrog mieghu kien ikolli relazzjonijiet ma' terza persuna. Dan kien minhabba li ma kontx inqis ir-relazzjoni taghna bhala wahda serja*" u "*Kevin qieghed jghid illi jien dhakt bih pero' nerga nghid illi sa recentement meta hareg it-test tad-DNA jien kont konvinta illi t-tarbija kienet tieghu*".

Illli l-Qorti tinnota wkoll li Angela Borg xehdet bil-procedura ta' l-affidavit u qalet illi "*fuq insistenza tar-ragel tagha hija kienet ghamlet testijiet tad-DNA u r-rizultat kien illi t-tarbija ma kinitx tieghu. Jien kont iltqajt maghha ftit wara li hareg ir-rizultat. Ir-rejazzjoni taghha kienet wahda ta' sorpriza kbira. Qatt ma kienet basret illi seta' ma kienx missierha*".

Illi f'dan il-kuntest wkoll il-konvenut, fl-affidavit tieghu jghid illi "*ir-relazzjoni taghna bdiet sejra ghall-aghar tant li fil-*

*Milied 1998, jiena u Sylvia hadna break iehor. F'dak l-istadju jiena hsibt li konna ser nispiccaw ma nizzewgux. Ahna ghamilna perjodu ta' gimghat ma niltaqghux, u darba minnhom konna ltqajna fejn iddecidejna li nhassru t-tieg. Dakinhar jiena kont staqsejt lil Sylvia hijiex certa minn din id-decizjoni, peress li jiena nammetti li kont ghadni nhobbha. Hija qaltli li determinata u ma riditx tati cans iehor lir-relazzjoni. Ftit jiem wara Sylvia cemplitli u qaltli li bidlet fhemtha. Hija qaltli li tixtieq li nergghu nippruvaw. Nammetti li jiena ma stennejtx li ser tigi lura ghandi peress li fil-laqgha taghna dehret deciza li ma tridx tirranga. Kif ghidt aktar 'il fuq jiena kont ghadni nhobbha u ghalhekk accettajt li nergghu nipprovaw nohorgu flimkien. Dan kien ghall-ahhar ta' Jannar, 1999. Wara xi xahar li ergajna rrangajna, Sylvia qaltli li tahseb li kienet tqila. Morna naghmlu pregnancy test is-St. James Clinic u rrizulta li Sylvia verament kienet tqila*".

Illli f'parti ohra tax-xhieda tieghu jghid illi "*da parti taghha Sylvia qabel izzewwigna qatt ma qaltli li fil-perjodu meta ma konniex qed nohorgu flimkien, kienet harget ma' haddiehor. Jiena min-naha l-ohra ma kelliex mezz kif nsir naf jekk hi hargitx ma' haddiehor jew le, u dan peress li ahna ma ltqajniex fil-break li kellna hlief meta ftehmna*". Huwa jzid jghid illi "*fis-17 ta' Ottubru, 1999 twieldet it-tifla u semmejnieha Tiffany. Din it-tifla giet registrata bhala binti u jiena fl-ebda hin ma kelli suspett li t-tifla m'hijiex tieghi. Da parti taghha Sylvia ma tatni bl-ebda mod x'nifhem li t-tarbija m'hijiex binti*". Sussegwentement jghid illi "*Minflok ghamilna d-DNA test ghand Dr. Mario Scerri u rrizulta li t-tifla fil-fatt m'hijiex binti*".

Illi fl-ahharnett jghid illi "*Sylvia malli saret taf bir-rizultat hija qaltli li meta konna bil-break kellha one-night stand ma' Ingliz. Illum il-gurnata naf li Sylvia regghet tqila minn relazzjoni li ghandha ma' haddiehor u weldet tarbija ohra Emma Ann".* Meta xehed l-istess konvenut in kontro-ezami quddiem l-Perit Legali, fis-seduta tad-9 ta' April, 2003, il-konvenut qal illi "*qabel ma izzewigna konna niehdu xi breaks. Il-breaks kienet tkun tridhom Sylvia. Sylvia ma tantx kien jinteressa z-zwieg. Interessha biss x'hin skopriet li kienet tqila*" u "*il-preparamenti ghat-tieg*

*kollha kont ghamilthom jien. Sylvia ma tantx kien jinteressaha*".

Illi Alfred Curmi, missier il-konvenut jghid illi "*wara li zzewgu u beda l-inkwiet bejniethom, jiena gejt avvicinat minn persuna li qalli li t-tifla ta' Kevin m'hijiex tieghu, u li missier it-tarbija qieghed jiftahar li Sylvia qieghda tghaddilu l-flus. Mall-ewwel ghidt lil Kevin b'dan li smajt u ibni beda jinsisti ma' martu li jaghmlu d-DNA test tat-tifla. Kevin qalli biex ma nghidx lill-marti biex ma ninkwitahiex, pero' jiena bqajt inzomm go fija, tant li qabadni attakk nervuz minhabba din il-kwistjoni. Naf li Kevin dam jinisti ma' Sylvia biex isir id-DNA, u darba minnhom ibni qalli li kienu ser imorru l-Ingilterra biex jaghmlu t-test hemmhekk. Pero' xorta baqghu ma marrux l-Ingilterra u wara xi zmien ghamlu t-test Malta. Irrizulta li t-tarbija m'hijiex bint Kevin u min dak iz-zmien ma rajtiex izjed lit-tifla*".

Illi minn dan jirrizulta li l-attrici fix-xhieda taghha qieghda tirribatti l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut u cioe' li hija qarqet bih meta qaltlu li t-tarbija kienet tieghu. In sostenn ta' dan hija tghid illi "*Kevin qieghed jghid illi jien dhakt bih pero' nerga nghid illi sa recentement meta hareg it-test tad-DNA jien kont konvinta illi t-tarbija kienet tieghu*". Igib ukoll bhala xhud ta' dan il-fatt lil Angela Borg li tghid illi hija kienet iltaqghet mal-attrici ftit wara li kien hareg ir-rizultat u r-rejazzjoni ta' l-attrici kienet "*wahda ta' sorpriza kbira. Qatt ma kienet basret illi seta' ma kienx missierha*".

Illi minn naha l-ohra l-konvenut qieghed isostni l-kuntrarju u cioe' li l-attrici kienet taf li t-tarbija ma kinitx tieghu izda xorta qaltlu li din kienet tieghu halli tkun tista tizzewgu. B'hekk, jghid il-konvenut, hija giet li qarqet bih.

Illi kif qal l-abbli perit legali meta jkun hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, dan il-punt jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u verosomiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu  lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** deciza mill-(P.A. (TM) fit-30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

In oltre, fis-sentenza **"Farrugia vs Farrugia"** hawn fuq citata inghad illi:-

*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Illi fil-kaz odjern ghandna koppja li waqt l-gherusija taghha kien ikollha, fi kliem l-istess partijiet diversi *breaks*, cjoe' okkazzjonijiet fejn huma ma jibqghux johorgu flimkien.  L-attrici stess tammetti illi waqt dawn il-*breaks* hija kienet tohrog ma' nies ohra, ghalkemm tghid ukoll illi hekk kien jaghmel anke l-konvenut.  Kien jigri hekk ghax ma kienx hemm irbit bejniethom.  Tammetti ukoll illi *"fil-breaks li kien ikollna meta ma kontx inkun qed nohrog mieghu kien*

*ikolli relazzjonijiet ma' terza persuna. Dan kien minhabba li ma kontx inqis ir-relazzjoni taghna bhala wahda serja*".

Illli l-konvenut jghid illi fil-Milied tal-1998, il-kontendenti kienu hadu *break*. F'din l-okkazzjoni huwa haseb illi r-relazzjoni taghhom kienet verament intemmet tant illi wara diversi gimghat illi ma kienux baqghu johrogu flimkien, huma iltaqghu u iddecidew sabiex ihassru t-tieg. Proprju f'din l-okkazzjoni, il-konvenut kien staqsa lill-attrici jekk hi kinitx certa mid-decizjoni taghha. Hija wegbitu illi kienet *"determinata u ma riditx tati cans iehor lir-relazzjoni*". Il-konvenut jghid illi ftit jiem wara din l-okkazzjoni, l-attrici kienet cemplitlu u qaltlu li hija kienet bidlet fehmtha. Peress illi l-konvenut kien ghadu jhobb lill-attrici huwa accetta illi jerga' johrog maghha. Jghid il-konvenut illi "d*an kien ghall-ahhar ta' Jannar, 1999. Wara xi xahar li ergajna rrangajna, Sylvia qaltli li tahseb li kienet tqila. Morna naghmlu pregnancy test is-St. James Clinic u rrizulta li Sylvia verament kienet tqila*".

Illli l-konvenut jghid li "*da parti taghha Sylvia qabel izzewwigna qatt ma qaltli li fil-perjodu meta ma konniex qed nohorgu flimkien, kienet harget ma' haddiehor. Jiena min-naha l-ohra ma kelliex mezz kif nsir naf jekk hi hargitx ma' haddiehor jew le, u dan peress li ahna ma ltqajniex fil-break li kellna hlief meta ftehmna*" u "*Sylvia malli saret taf bir-rizultat hija qaltli li meta konna bil-break kellha one-night stand ma' Ingliz".*

Illi meta xehed l-istess konvenut in kontro-ezami quddiem il-Perit Legali fis-seduta tad-9 ta' April, 2003, il-konvenut qal illi "*qabel ma izzewwigna konna niehdu xi breaks. Il-breaks kienet tkun tridhom Sylvia. Sylvia ma tantx kien jinteressa z-zwieg. Interessha biss x'hin skopriet li kienet tqila*" u "*il-preparamenti ghat-tieg kollha kont ghamilthom jien. Sylvia ma tantx kien jinteressaha*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Aquilina vs Farrugia"** (P.A. - 28 ta' Gunju, 2001) inghad illi:-

*"fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni".*

Illil-Qorti hija tal-fehma illi waqt l-ahhar *break* li kienu hadu l-partijiet u cioe' fil-Milied tal-1998, l-attrici kienet harget ma' terza persuna u kellha relazzjoni sesswali mieghu, mil-liema relazzjoni hija kienet harget tqila. Illi l-istess attrici meta skopriet li kienet tqila, avvicinat lill-konvenut fejn talbitu sabiex jergghu jipprovaw jirrikonciljaw u jaghti opportunita' ohra lir-relazzjoni taghhom. Illi 'vista ta' dawn ir-risultanzi, din il-Qorti taqbel ma' dak li kkonkluda l-perit legali li f'dan l-istadju attrici kienet taf li kienet tqila. Mill-provi prodotti u dan senjatament mix-xhieda ta' missier l-attrici Saviour Scicluna u mix-xhieda ta' l-istess attrici jirrizulta illi l-attrici kienet tibza' minn missierha. Dan il-punt ta' biza diga' gie ikkunsidrat mill-Qorti aktar il-fuq u inghad illi l-provi prodotti ma jwasslux ghal dak li tghid il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (a).** Izda dan il-fatt jikkorrabora t-tezi tal-konvenut u cioe' li l-attrici sabet ruhha f'cirkostanza fejn kienet ghadha kif spiccat minn relazzjoni (mal-konvenut) u harget tqila minn relazzjoni ohra li kellha ma' terza persuna. Ma kinitx lesta li tmur tghid lil missierha li hija kienet harget tqila minn *"one night stand"* li kellha u ghalhekk rat kif ghamlet sabiex hija terga tkompli bir-relazzjoni li kellha sabiex b'hekk ma jkolliex problemi ma' missierha. Din hija sitwazzjoni li tista' u ghandha tigi deskritta bhala *"possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja"* (A.I.F. **'Borg vs Bartolo"** -25 ta' Gunju, 1980).

Illi *in vista* ta' dawn l-osservazzjonijiet u *in vista* tax-xhieda moghtija f'din il-kawza l-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici ipprattikat qerq fuq il-konvenut dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Di fatti kien proprju minhabba dan il-fatt li l-konvenut izzewweg lill-attrici. Izzewigha ghax gie indott jahseb illi t-tarbija li kienet qed igorr l-attrici fil-guf taghha kienet tieghu. Anke l-fatti li sehhew wara z-zwieg juru dan. Il-konvenut wara biss ftit xhur telaq mid-dar matrimonjali u ma baqax jara lil-minuri Tiffany. Dawn kollha jassodaw il-fehma ta' l-Qorti li l-attrici qarqet bil-konvenut dwar dan il-fatt.

Illi dan ma kienx bizzejjed, izda kif ammettiet wkoll fix-xhieda taghha hija kellha relazzjoni sesswali ma' persuna qabel iz-zwieg, mil-liema relazzjoni hija kellha lil Tiffany, kif ukoll kellha relazzjoni ohra waqt iz-zwieg ma persuna ohra, mil-liema relazzjoni ukoll kellha tifla u cioe' Emma Ann li twieldet fl-24 ta' Gunju, 2002 u cioe ftit xhur wara li infethet il-kawza odjerna. Dwar dan il-Qorti tirreferi ghall-iskrittura provata datata 29 ta' Settembru 2003 maghmula bejn il-partijiet fi-kawza fejn jidher li l-istess attrici ammettiet l-agir taghha, anke fil;-kuntest ta' dak li gie deciz hawnhekk.

Illi ghalhekk wara li hadet in konsiderazzjoni l-ligi u wara li applikat il-fatti ta' dan il-kaz ghal dawn il-principji, l-Qorti hija tal-fehma illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk it-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi milqugha biss ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici stante li l-kunsens taghha kien vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u ghaliex l-istess attrici qarqet bil-konvenut abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255.**

Illi in vista' ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ghall-fini tal-kawza u kontro-talba ghandha tieqaf hawn.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti tat-23 ta' April 1999 huwa null u bla effett abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici kif premess;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbi ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet, tar-raba' u tal-hames talba ta' l-istess kontro-talba *stante* c-cessjoni taghhom b'nota tas-17 ta' Novembru 2003, tilqa' l-ewwel zewg talbiet ta' l-istess kontro-talba** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi z-zwieg bejn il-kontendenti tat-23 ta' April 1999 abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici kif premess u deciz;

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba kontra l-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------